# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Mejju 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 27/2017 PC**

**Mary Carmela Grima magħrufa bħala Marlene**

**vs**

**Direttur Reġistru Pubbliku (Għawdex)**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi, wara li ppremettiet:

Illi l-att tat-twelid tagħha li jġib in-numru tliet mija u tmienja u ħamsin tas-sena elf disa' mija u tlieta u sittin (358/1963) bid-data ta' reġistrazzjoni t-tmienja (8) ta' Awwissu elf disa' mija u tlieta u sittin (1963) fil-parti relattiva għat-'Tagħrif dwar it-Tarbija', fil-kolonni intestati 'Ismijiet mogħtijin', u 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa', isem l-attriċi ġie reġistrat u jidher bħala 'Mary Carmela';

Illi dan l-isem ta' 'Mary Carmela' jinsab rifless ukoll bl-istess mod fl-att taż-żwieġ tal-attriċi li jġib in-numru mija u tnejn u sittin tal-elf disa' mija u tnejn u disgħin (162/1992) fil-kolonna relattiva għall-'Partikolarijiet dwar il-mara' fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom';

Illi isem l-attriċi jinsab rifless ukoll bl-istess mod fl-atti tat-twelid ta' wliedha Cynthia u Vanessa li jġibu n-numri tliet mija u tmienja u erbgħin tal-elf disa' mija u tlieta u disgħin (348/1993) u mija u wieħed u tmenin tal-elf disa' mija u sitta u disgħin (181/1996) rispettivament fil-kolonna relattiva għat-tagħrif dwar 'Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' L-Omm';

Illi l-isem li użaw il-ġenituri tal-attriċi u li bi sejħulha sa mit-twelid tagħha u l-isem li huma riedu proprjament jagħtu lill-attriċi hu ta' 'Mary Carmen' u mhux ta' 'Mary Carmela'. 'Mary Carmen' hu l-isem li l-attriċi wżat u li wżat għaliha l-familja tagħha sa mit-twelid tagħha. 'Mary Carmen' hu l-isem li bih l-attriċi kienet konsistentement imsejħa u magħrufa minn kulħadd bħala 'Marlene' u mhux ta' 'Mary Carmela';

Illi l-attriċi qed tressaq din it-talba ġudizzjarja tagħha ai termini tal-artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili sabiex tiġi awtorizzata d-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid tagħha biex kull fejn isimha jidher 'Mary Carmela' dan jiġi mibdul għal u jaqra 'Mary Carmen magħrufa bħala Marlene', u li t-tibdil effettwat fl-att tat-twelid tagħha bir-reġistrazzjoni msemmija jiġi rifless ukoll f'kull att ieħor tal-istat ċivili relattiv għall-istess attriċi, u għal uliedha Cynthia u Vanessa kif preskritt bis-subartikolu tlieta (3) tal-istess artikolu hawn fuq ċitat tal-Kodiċi Ċivili.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-isem li wżat l-attriċi u l-isem li wżat il-familja tagħha għaliha sa mit-twelid tagħha hu ta' 'Mary Carmen magħrufa bħala Marlene' u mhux ta' 'Mary Carmela', liema isem ta' 'Mary Carmen magħrufa bħala Marlene' hu l-isem li bih kienet konsistentement imsejħa u magħrufa sa mit-twelid tagħha u mhux bl-isem ta' 'Mary Carmela';

2. Konsegwentement a tenur tad-disposizzjonijiet hawn fuq imsemmija tal-Kodiċi Ċivili tordna l-korrezzjoni relattiva fl-att tat-twelid tagħha li jġib in-numru tliet mija u tmienja u ħamsin tas-sena elf disa' mija u tlieta u sittin (358/1963) billi fil-parti relattiva għat-'Tagħrif dwar it-Tarbija', fil-kolonni intestati 'Ismijiet mogħtijin', u 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa', isem l-attriċi jiġi rreġistrat u jsir jaqra 'Mary Carmen' u 'Mary Carmen magħrufa bħala Marlene' rispettivament u mhux 'Mary Carmela';

3. Tordna wkoll li dan it-tibdil jiġi effetwat ukoll fl-att taż-żwieġ tal-attriċi bin-numru ta' reġistrazzjoni mija u tnejn u sittin tal-elf disa' mija u tnejn u disgħin (162/1992), u fl-atti tat-twelid ta' wliedha Cynthia u Vanessa li rispettivament iġibu n-numri tliet mija u tmienja u erbgħin tal-elf disa' mija u tlieta u disgħin (348/1993) u mija u wieħed u tmenin tal-elf disa' mija u sitta u disgħin (181/1996);

Bl-isepjjeż.

Bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mħarrek.

Rat ir-Risposta tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex li permezz tagħha huwa wieġeb:

Illi perliminarjament, a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel is-smiegħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern;

Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taħt l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta m'hijiex xi miżura ordinarja li hija miftuħa għall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Għal kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija miżura straordinarja għal skopijiet pubbliċi intiża esklussivament biex telimina mill-imħuħ tan-nies kull possibilita' ta' konfużjoni u diżordni dwar l-identifikażżjoni ta' dak jedw dik l-individwu. Kwindi l-awotrizzazzjoni ġudizzjali ta' bidla fl-isem m'għandhiex tiġi konċessa għaliex ir-rikorrenti sempliċement tixtieq tbiddel isimha, iżda talli awtorizzazzjoni għandha tingħata biss jekk jirriżulta li din meħtieġa assolutament għall-esiġenza pubblika;

Illi subordinament bla ħsara għall-premess in kwantu jikkonċerna mal-mertu tal-kawża, ir-rikorrenti ma ppreżentat l-ebda dokument uffiċċjali Malti li jissustanza t-talba tagħha;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti m'huwiex edott mill-fatti li ġew dikjarati fir-rikors ġuramentat u fid-dokumenti hemm mehmuża;

Illi finalment u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti ta' l-esponenti, u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet lill-attriċi tixhed bil-ġurament tagħha.

Il-Qorti, billi jidhrilha illi t-talbiet attriċi huma ġustifikati, tilqa' l-istess talbiet u

1. Tiddikjara li l-isem li wżat l-attriċi u l-isem li wżat il-familja tagħha għaliha sa mit-twelid tagħha hu ta' 'Mary Carmen magħrufa bħala Marlene' u mhux ta' 'Mary Carmela', liema isem ta' 'Mary Carmen magħrufa bħala Marlene' hu l-isem li bih kienet konsistentement imsejħa u magħrufa sa mit-twelid tagħha u mhux bl-isem ta' 'Mary Carmela';

2. Konsegwentement a tenur tad-disposizzjonijiet hawn fuq imsemmija tal-Kodiċi Ċivili tordna l-korrezzjoni relattiva fl-att tat-twelid tagħha li jġib in-numru tliet mija u tmienja u ħamsin tas-sena elf disa' mija u tlieta u sittin (358/1963) billi fil-parti relattiva għat-'Tagħrif dwar it-Tarbija', fil-kolonni intestati 'Ismijiet mogħtijin', u 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa', isem l-attriċi jiġi rreġistrat u jsir jaqra 'Mary Carmen' u 'Mary Carmen magħrufa bħala Marlene' rispettivament u mhux 'Mary Carmela';

3. Tordna wkoll li dan it-tibdil jiġi effetwat ukoll fl-att taż-żwieġ tal-attriċi bin-numru ta' reġistrazzjoni mija u tnejn u sittin tal-elf disa' mija u tnejn u disgħin (162/1992), u fl-atti tat-twelid ta' wliedha Cynthia u Vanessa li rispettivament iġibu n-numri tliet mija u tmienja u erbgħin tal-elf disa' mija u tlieta u disgħin (348/1993) u mija u wieħed u tmenin tal-elf disa' mija u sitta u disgħin (181/1996).

L-ispejjeż tal-kawża fiċ-ċirkostanzi jkun issoportati mill-attriċi stess.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur